**Tribunal Industrijali**

**Deċiżjoni Numru 3013**

**8 ta' Lulju 2024**

**Chariman: Sur James Pearsall**

**Każ Nru. 4059/JHP**

Fil- Kwistjoni tax-xogħol

Bejn

Fahmi Bouzayen (KI 212117 A)

u

Mare Blu Tuna Farm Limited (C 20565)

*dwar : tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

Appell Inferjuri Numru 43/2023 LM
**Fahmi Bouzayen (K.I. nru. 212117(A))**
*('ir-rikorrent')*
***vs.***
**Mare Blu Tuna Farm Limited (C 20565)**
*(l-Intimata')*

**Deċiżjoni:**

Għar-raġunijiet premessi, il- Qorti tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-appell tas-soċjetà ntimata limitatament billi tilqa' l-aggravju tagħha, iżda tordna li jintbagħtu l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jagħti motivazzjoni xierqa ta' kif wasal għall-ammont ta' kumpens likwidat minnu, tiddikjara rritu u null l-appell inċidentali tar-rikorrent u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.
L-ispejjeż tal-appell tas-soċjetà intimata u dawk tal-appell inċidentali għandhom ikunu a karigu tar-rikorrent.

**<u>Tribunal Industrijali:</u>**
Wara d-deċiżjoni kif mgħotija mill- Qorti ta' l-Appell, it-Tribunal Industrijali qiegħed jottempra ruħu mat-talba ta' l-istess Qorti fejn it-Tribunal qiegħed jagħti il-motivazzjoni tiegħu ta' kif wasal għal ammont ta' kumpens likwidat minnu.

**Motivazzjoni: fl-apporzjonament tal-kumpens:**
It-Tribunal Industrijali reġa' sejjaħ liż-żewġ partijiet fit-13 ta' Mejju 2024, u sema is-sottomissjonijiet tagħhom.

It- Tribunal Industrijali fil-konsiderazzjonijiet tiegħu kif riferuti fid-deċiżjoni, it-terminazzjoni kienet waħda pre-meditata u marbuta ma rikatt fuq ir-rikorrent, meta dan kien wieħed bieżel u ħabrieki. Ir-rappreżentant tas-soċjetà intimata stess stqarr li kieku ma seħħx l-inċident fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta dmirijietu, is-soċjetà kienet iżommu fl-impieg. Ingħad ukoll waqt din is-seduta, " *It-Tieni hu mar jaħdem ma terzi u b'hekk il-kumpanija kienet, qiegħed mhux se ngħid, kellha xi ħaġa kontra ,li terġa idaħħlu*________" (Rif Sed 13/05/24 pag 4)

It-Tribunal kif esprima ruħu fid-deċiżjoni tiegħu isostni li l-fatt kontributorju li wassal għat-terminazzjoni mill-impieg ġie maħluq minn naħa tas-soċjetà intimata, u mhux minn naħa tar-rikorrent, u jemmen li ir-rikorrent kien qiegħed jagħmel minn kollox sabiex jibqa' fil-post tax-xogħol.

Tant hu hekk li ir-rikorrent ma strahx biss fuq x'kienet qed tgħidlu is-soċjetà intimata li l-applikazzjoni tiegħu kienetx għadha vigenti, iżda ħa l-inkarigu li imur fl-entita responsabbli jistaqsi, u ġie mgħarraf li din l-applikazzjoni ma kienetx ġiet sottomessa mis-soċjetà intimata.

Kienet is-soċjetà intimata responsabbli li tagħmel dan bħal ma kienet għamlet ma impjegati oħra bħal rikorrent, li filwaqt l-oħrajn inħarġilhom il-permess ir-rikorrent spiċċa resident illegali bir-riperkussjonijiet li setgħet iġġib tali sitwazzjoni.

Kien dan il-fatt lit-Tribunal ħass li ir-rikorrent inġieb bejn il-mazza u l-inkwina u għaldaqstant iddeċieda li għandu jingħata l-akbar porzjon tal-kumpens għal tali danni serji, li ġew ikkaġunati lir-rikorrent, bħal ma huma it-telfien ta' permess li hu u l-familja tiegħu ma setgħux la jaħdmu u l-anqas jgħixu hawn Malta.
Dan il-pass kien għar mit-tkeċċija innifisha għax mhux talli spiċċa mingħajr il-ħobża ta' kuljum u għaldaqstant it-Tribunal kellu l-apprezzament ekwu skond il-mudell

legali solitu ben not tal-bonus paterfamilias, iżda ħa in kunsiderazzjoni li il-ħsieb ta' ragonevolezza, minn naħa tas-soċjetà intimata, kien tant intilef li waslu sabiex indirettament ikeċċuh mill-pajjiż ,meta safa mingħajr permess tar-residenza, u l-anqas kellu iċ-ċans li isib impieg ieħor fil-pajjiż.

<u>**Motivazzjoni għad- Deċiżjoni:**</u>

It- Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu sabiex jasal għal kumpens ġust u ekwu iggwida ruħu ma dak li tgħid il-liġi sic, Rif Art 81 sub art (2a)
[*"Iżda, meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu* ***jqis id-danni reali u telfien*** *li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie imkeċċi mingħajr kawża ġusta* ***kif ukoll ċirkustanzi oħra****, inklużi l-eta u snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal ta'l-impieg ta' dak il-ħaddiem"] .*

<u>**Apporzjonament tal-kumpens:**</u>

It- Tribunal Industrijali, a bażi li din it-tkeċċija kienet mitqiesa waħda ta' livell għoli, veru simili ta' "Constructive dismissal" bla sens, moralment ħass li kellu jibbaża l-ewwel parti tal-kumpens, għat telf ta' danni reali, li jinkludu dawk morali ikkaġunati. Għaldaqstant dan l-ammont huwa ta' għaxar t'elef (10,000) euro relatati speċifikament għal l-effetti negattivi li irriżultaw minn din it-tkeċċija nġusta.

It-tieni parti tal-kumpens fejn ir-rikorrent ġie mgħoti ħames t'elef (5,000) euro, għat telfien finanzjarju li irriżulta kemm fil-perjodu tan-nuqqas ta' xogħol kif ukoll spejjez minħabba ***"ċirkustanzi oħra",*** bħal ma huma, nuqqas ta' paga għaż-żmien li għamel mingħajr xogħol, kif ukoll għal spejjez li kellu jagħmel ir-rikorrenti sabiex jittrasloka kemm hu u l-familja tiegħu barra mill-pajjiż, f-ċirkustanzi fejn il-mara tiegħu kienet waslet biex twelled, fejn irrenda ruħu għall spejjez addizzjonali żejda.

Għaldaqstant It- Tribunal qiegħed jikkonferma il-kumpens totali li jammonta għal ħmistax (15,000) elf euro.
B'hekk dan il-każ jiġi magħluq.

**(Iffirmat)**
**James Pearsall**
**Chairperson**